**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 139 tal-11 ta' Novembru 1997 dwar Ksur ta' Privileġġ – Kliem fil konfront ta' Membru**

## RULING TA' MADAM SPEAKER

Għadni kemm smajt ir-recording ta' dak li qal l-Onor. Gonzi. L-Onor. Gonzi, wara li semma lill-Ministru Mizzi, qal hekk:

"U jidher li naturalment xi ħadd tah aċċess għal xi ... Ma ġara xejn b'daqshekk, jista' jsib bil-liberta' kollha l-konsultazzjoniijet kollha li saru ...".

Dan huwa dak li qal l-Onor. Gonzi u jekk hemm xi imputazzjoni, m'hijiex fil-konfront ta' l-Onor. Mizzi imma fil-konfront ta' min tah xi affarijiet. Għaldaqstant m'hemmx ksur ta' privileġġ. Inkomplu.